# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001**

**Numru 95**

**Citaz. Nru. 791/00GV**

**Doc. Nru. 75-01**

**Grima Communications Company Limited**

**vs**

**J.P. Advertising Limited**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef, tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm6,336.96) rapprezentanti l-prezz ta' reklami esegwiti u mxandra mis-socjeta' attrici fuq l-istazzjoni tar-Radju "Live FM" fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta u liema reklami gew mxandra fuq perjodu ta' zmien bejn il-wiehed u tletin (31) ta' Awissu, 1997 u l-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, 1999.

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet diversament interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas hija baqghet inadempjenti.

Ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara responsabbli ghall-hlas tas-somma ta’ sitt elef, tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm6,336.96) rapprezentanti l-prezz ta’ reklami esegwiti u mxandra mis-socjeta’ attrici fuq l-istazzjon tar-Radju “Live FM” fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm6,336.96) rapprezentanti l-prezz ta’ reklami esegwiti u mxandra mis-socjeta’ attrici fuq l-istazzjon tar-Radju “Live FM” fuq nkarigu tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-tnax (12) ta’ Jannar, 2000, tal-Mandat ta’ Qbid u ta’ Sekwestru kawtelatorji ntavolati kontestwalment mal-prezenti u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali mit-tlettax (13) ta’ Dicembru, 1997 sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta a fol 10 fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament irid jigi stabbilit x’relazzjoni guridika ghandha s-socjeta’ attrici mas-socjeta’ konvenuta, u dan ghaliex kif inghad fil-premessi tac-citazzjoni x-xoghol ta’ reklamar allegatament sar fuq stazzjon tar-radju “Radio Live FM” li ma huwiex parti minn dina l-kawza;

2. Illi fit-tieni lok l-ammont li qieghed jigi pretiz mis-socjeta’ attrici fic-citazzjoni ipprezentata minnha mhuwiex korrett u ghalhekk mhuwiex dovut mis-socjeta’ konvenuta u b’dan kienet diga giet infurmata l-istess socjeta’ attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontrotalba tas-socjeta’ konvenuta a fol 11 fejn esponiet illi:

Premess illi s-socjeta’ konvenuta ri-konvenuta ghamlet diversi xoghlijiet ta’ reklamar lis-socjeta’ attrici ri-konvenuta fuq inkarigu taghha stess;

Premess illi dawn ix-xoghlijiet kif ukoll ammonti ohra dovuti lis-socjeta’ konvenuta rikonvenuta jammontaw ghal elf, sitt mija u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1640.40,0);

Premess illi dina s-somma hija dovuta minghand is-socjeta’ attrici ri-konvenuta u minkejja li giet mitluba li jithallsu jew li jigu mnaqqsa mill-ammont pretiz mis-socjeta’ ri-konvenuta dina baqghet inadempjenti;

Is-socjeta’ konvenuta ri-konvenuta talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara lis-socjeta’ attrici ri-konvenuta debitrici tas-socjeta’ konvenuta ri-konvenuta ghas-somma ta’ elf, sitt mija u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1640.40,0).

Tikkundanna lis-socjeta’ attrici ri-konvenuta thallas lis-socjeta’ konvenuta ri-konvenuta s-somma hawn imsemmija rapprezentanti ammont dovut ghall-xogholijiet ta’ reklamar u xoghlijiet ohra li saru mis-socjeta’ konvenuta ri-konvenuta fuq inkarigu tal-istess socjeta’ attrici ri-konvenuta;

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data li saru x-xoghlijiet u bis-socjeta’ attrici ri-konvenuta.

Rat in-nota a fol 21 li biha l-atturi rriducew it-talba taghhom ghal LM870 ghall-imghax dovut;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' sitt elef, tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm6,336.96) rapprezentanti prezz ta' reklami ezegwiti u mxandra fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li l-ammont mitlub mhux korrett.

**KONTROTALBA**

Il-konvenuti qed jitolbu s-somma ta' elf, sitt mija u erbghin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm1,640.40) prezz ta' reklamar maghmul mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

Ghal dina l-kontro-talba ma sarux eccezzjonijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fil-mori tal-kawza l-atturi pprezentaw nota fejn irriducew it-talba taghhom ghall-ammont ta' tmien mija u sebghin liri Maltin (Lm870) li jirrapprezentaw l-imghaxijiet dovuti u dana stante pagament fil-mori tal-kawza.

Illi fl-erbgha (4) ta' April, 2001 xehed Adrian Fabri, Financial Controller prodott mill-konvenuti li qal li kienu ltaqghu ma' l-atturi u tkellmu fuq il-bilanci li huma kellhom jaghtu u li l-atturi kellhom. Il-konvenuti kellhom jaghtu aktar milli jiehdu u ghalhekk hallsu d-differenza izda ma qablux fuq l-imghax li kellhom jiehdu l-atturi. Il-konvenuti kienu qed jitolbu wkoll Lm76 (sitta u sebghin liri Maltin) bhala imghax, izda l-atturi qatt ma qalulhom kemm kienu qed jippretendu imghax.

Illi fin-nota fuq imsemmija l-atturi kkwantifikaw l-ammont ta' imghax dovut lilhom ghal tmien mija u sebghin liri Maltin (Lm870) u ghalhekk jekk tnaqqas sitta u sebghin liri Maltin (Lm76) li ghandhom jiehdu l-konvenuti, l-atturi ghandhom jiehdu seba' mija u erbgha u disghin liri Maltin (Lm794).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet attrici u l-kontrotalba tal-konvenuti fis-sens fuq indikat u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mija u erbgha u disghin liri Maltin (Lm794) lill-atturi; bl-ispejjez kwantu ghal wiehed minn sitta ghall-atturi u hamsa minn sitta ghall-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**